

Brussell, 10 ta' Novembru 2025  
(OR. en)

15162/25

ATO 77  
CONOP 69

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Novembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

---

Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peniżola Koreana (KEDO)
----------	-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 665 final.

Mehmuż: COM(2025) 665 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 10.11.2025  
COM(2025) 665 final

Rakkomandazzjoni għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peniżola Koreana (KEDO)**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Il-Komunità tal-Euratom ilha membru sħiħ tal-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peniżola Koreana (KEDO, Korean Peninsula Energy Organisation) mill-1997. L-objettiv ewlieni tal-KEDO kien il-forniment ta' żewġ reatturi nukleari li jużaw l-ilma ordinarju lir-RDPK (ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea - il-Korea ta' Fuq), bħala parti minn sforzi internazzjonali ta' nonproliferazzjoni fil-Peniżola Koreana. Billi r-RDPK naqset milli timplimenta l-obbligi tagħha tan-nonproliferazzjoni, l-attivitajiet operattivi tal-KEDO ntemmew, u s-segretarjat ingħalaq fil-31 ta' Mejju 2007, 12-il sena wara l-ħolqien tiegħu. Minkejja dan, il-Bord Eżekuttiv tal-KEDO ddeċieda li ma jtemmx l-organizzazzjoni minnufih, iżda li jżommha għaddejja fil-forma ta' entità vojta (sempliċement bħala skelettu, b'segretarjat impjegat fuq bażi temporanja), sabiex jippermettilha tiddefendi l-interessi finanzjarji u legali tagħha, kif ukoll tal-erba' membri tagħha rrappreżentati fil-Bord Eżekuttiv (il-Euratom, il-Ġappun, il-Korea t'Isfel u l-Istati Uniti tal-Amerka). Il-kontinwazzjoni tal-KEDO fil-format tagħha ta' entità vojta fil-fatt tippermetti li l-membri tagħha jsostnu pretensjonijiet finanzjarji kontra r-RDPK għal telf finanzjarju (li jammonta għal USD 1,89 biljun), li jkollhom protezzjoni legali kontra pretensjonijiet ta' responsabbiltà jew ta' kumpens u li jżommu s-sjieda tal-infrastruttura u assi oħra fir-RDPK. Għalhekk, il-Bord Eżekuttiv approva pjanijiet għall-operat kontinwu tas-Segretarjat li kienu jkopru l-perjodu ta' 5 snin li ntemm fil-31 ta' Mejju 2012, u mbagħad iddeċieda li jestendi t-tiġdid għal perjodi sussegwenti ta' 3 snin li ntemmew fil-31 ta' Mejju 2015, fil-31 ta' Mejju 2018, fil-31 ta' Mejju 2021 u fil-31 ta' Mejju 2024.

Qabel kien ġie stmat li s-soluzzjoni finali għal dawn il-kwistjonijiet legali u finanzjarji setgħet tinkiseb sal-31 ta' Mejju 2024. Għaldaqstant, is-sħubija tal-Komunità kellha ddum sa dik id-data, skont l-aħħar Ftehim bejn il-Euratom u l-KEDO. Madankollu, billi l-KEDO teħtieġ iktar żmien biex tiffinalizza l-kwistjonijiet pendenti tagħha, il-protezzjoni kontinwa tal-interessi tal-Komunità tirrikjedi li jiġi konkluż Ftehim ġdid bejn il-Euratom u l-KEDO. Għal dak l-għan, fis-16 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill approva direttivi ta' negozjati lill-Kummissjoni li jawtorizzawha tinnegozja, fuq bażi retroattiva, it-tiġdid tal-Ftehim bejn il-Euratom u l-KEDO lil hinn mill-31 ta' Mejju 2024.

#### • **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Il-proposta ttawwal il-validità tal-Ftehim preċedenti bejn il-Komunità tal-Euratom u l-KEDO. Il-kontenut jikkonforma mad-deċiżjonijiet preċedenti tal-Kunsill adottati għall-istess skop<sup>1</sup>.

#### • **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

It-tiġdid tal-Ftehim bejn il-Euratom u l-KEDO jippermetti lill-Euratom tipproteġi l-interessi finanzjarji u legali tagħha bħala wieħed mill-membri tal-KEDO.

---

<sup>1</sup> Ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill (Euratom) 2023/2781 tat-8 ta' Diċembru 2023 li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peniżola Koreana (KEDO), ĠU L, 2023/2781, 12.12.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2781/oj>.

## 2. NEGOZJATI

- **Bażi legali u konklużjonijiet**

Abbażi tat-test propost mis-servizzi tal-Kummissjoni, issa ntlaħaq ftehim *ad referendum* mal-KEDO dwar it-test meħmuż, għat-tiġdid tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peniżola Koreana (KEDO). Fl-opinjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni, dan it-test huwa konsistenti mad-direttivi ta' negozjati maħruġa mill-Kunsill fis-16 ta' Diċembru 2024<sup>2</sup>.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni tirrakkomanda lill-Kunsill japprova, skont l-Artikolu 101, it-tieni paragrafu tat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, it-tiġdid tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peniżola Koreana (KEDO), meħmuż fl-Anness.

- **Sussidjarjetà**

Il-proposta titlob għal deċiżjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-oqsma ta' kompetenza tal-Euratom biss. Għalhekk, ma hemm l-ebda kunflitt mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-oġġettiv li tittawwal is-sħubija tal-Euratom fil-KEDO, f'konformità mad-direttivi ta' negozjati maħruġa mill-Kunsill. Barra minn hekk, il-proposta ma toħloq l-ebda kost finanzjarju għall-Komunità tal-Euratom, għall-baġit tal-Unjoni, għall-gvernijiet nazzjonali, għall-awtoritajiet reġjonali jew lokali, għall-operaturi ekonomiċi u lanqas għaċ-ċittadini.

- **Għażla tal-istrument**

L-għażla tal-istrument tikkonforma mal-Artikolu 101, it-tieni paragrafu, tat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, li jipprevedi li l-ftehimiet bejn il-Komunità tal-Euratom u organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom jiġu konklużi mill-Kummissjoni bl-approvazzjoni tal-Kunsill.

## 3. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Mhu se jkun hemm l-ebda implikazzjoni baġitarja.

---

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/51 tas-16 ta' Diċembru 2024 li tawtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja t-tiġdid tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peniżola Koreana (KEDO), ĠU L, 2025/51, 10.1.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/51/oj>.

Rakkomandazzjoni għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peniżola Koreana (KEDO)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 101, it-tieni paragrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Jenħtieġ li jiġi konkluż il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom, European Atomic Energy Community) u l-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peniżola Koreana (KEDO, Korean Peninsula Energy Development Organisation) (“il-Ftehim”).
- (2) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi applikat b'mod retroattiv mill-31 ta' Mejju 2024 u jenħtieġ li jibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Mejju 2027,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu Uniku*

Il-konklużjoni mill-Kummissjoni Ewropea tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peniżola Koreana (KEDO) hija b'dan approvata.

It-test tal-Ftehim huwa memuż ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*